IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.11.2024
COM(2024) 528 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-attivitajiet tal-Fondazzjoni tal-IFRS, l-EFRAG u l-PIOB fl-2023

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-attivitajiet tal-Fondazzjoni tal-IFRS, l-EFRAG u l-PIOB fl-2023

1. INTRODUZZJONI

Fit-28 ta' April 2021, l-Unjoni Ewropea adottat il-Programm tas-Suq Uniku[1] biex tappoġġa u ssaħħaħ il-governanza tas-suq uniku b'EUR 4.21 biljun matul il-perjodu mill-2021 sal-2027. Ir-Regolament dwar il-Programm tas-Suq Uniku jipprevedi pakkett baġitarju ta' EUR 220,5 miljun għall-proċessi ta' standardizzazzjoni, li minnhom EUR 61 miljun huma allokati biex jappoġġaw l-iżvilupp ta' standards internazzjonali ta' kwalità għolja ta' awditjar u rappurtar finanzjarju u mhux finanzjarju biex jiffaċilitaw l-integrazzjoni tagħhom fid-dritt tal-Unjoni.

Skont il-Programm tas-Suq Uniku, il-Kummissjoni tipprovdi għotja annwali[2] lill-Fondazzjoni tal-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (il-Fondazzjoni tal-IFRS) fir-rigward tal-iżvilupp tal-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (l-Istandards tal-Kontabbiltà tal-IFRS), il-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG), u l-Bord tas-Sorveljanza tal-Interess Pubbliku (PIOB). Dawn l-organizzazzjonijiet għandhom rwol importanti fl-iżgurar tal-kwalità, l-affidabbiltà u d-disponibbiltà tal-informazzjoni finanzjarja u dwar is-sostenibbiltà fir-rapporti korporattivi. Dan ir-rapport jiġbor fil-qosor l-attivitajiet tagħhom fl-2023[3], ħlief għall-attivitajiet tal-Fondazzjoni tal-IFRS fir-rapportar dwar is-sostenibbiltà, peress li dawn mhumiex (ko)ffinanzjati mill-għotja tal-UE.

2. IL-FONDAZZJONI TAL-IFRS

2.1. GOVERNANZA

Il-Fondazzjoni tal-IFRS hija organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ stabbilita biex tiżviluppa, tippromwovi u tiffaċilita l-użu ta' sett uniku ta' standards tal-kontabbiltà u tad-divulgazzjonijiet tas-sostenibbiltà ta' kwalità għolja, li jinftiehmu, infurzabbli u rikonoxxuti globalment.

Il-Fondazzjoni tal-IFRS tospita l-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IASB), li huwa responsabbli għall-iżvilupp tal-Istandards tal-Kontabbiltà tal-IFRS, u l-Bord tal-Istandards Internazzjonali tas-Sostenibbiltà (ISSB), li ġie stabbilit f'Novembru 2021 għall-iżvilupp tal-Istandards ta' Divulgazzjoni dwar is-Sostenibbiltà tal-IFRS.

Il-Bord ta' Monitoraġġ, li l-Kummissjoni hija membru tiegħu, isaħħaħ il-funzjoni ta' sorveljanza tal-interess pubbliku tal-Fondazzjoni tal-IFRS u jippromwovi l-iżvilupp kontinwu tal-Istandards tal-IFRS u tal-ISSB bħala settijiet ta' kwalità għolja ta' standards kontabilistiċi globali u standards globali ta' divulgazzjoni tas-sostenibbiltà.

[1] Ir-Regolament (UE) 2021/690 li jistabbilixxi programm għas-suq intern, u għall-kompetittività tal-intrapriżi), ĠU L 153, 3.5.2021, p. 1–47.

[2] Fil-passat ingħataw għotjiet fil-qafas tar-Regolament (UE) Nru 258/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-istabbiliment ta' programm tal-Unjoni għas-sostenn ta' attivitajiet speċifiċi fil-qasam tar-rappurtar finanzjarju u l-awditjar għall-perjodu 2014-20 u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE (ĠU L 105, 8.4.2014, p. 1).

[3] Skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) 2021/690, din il-Kummissjoni tippubblika rapport kull sena.

Skont ir-Regolament (UE) Nru 1606/2002[4] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabbiltà ("ir-Regolament IAS"), il-Kummissjoni tista' tapprova standards tal-kontabbiltà tal-IFRS ġodda jew emendati wara l-parir ta' approvazzjoni tal-EFRAG. Minħabba l-importanza ekonomika tal-Istandards tal-Kontabbiltà tal-IFRS, il-Kummissjoni tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Fondazzjoni tal-IFRS għall-iżvilupp tal-Istandards tal-Kontabbiltà tal-IFRS.

Il-Fondazzjoni tal-IFRS hija regolata minn Bord ta' 22 Fiduċjarju li kollettivament huma responsabbli għas-sorveljanza ġenerali u għall-ħatriet fl-IASB u fl-ISSB. In-nomina tal-Fiduċjarji hija soġġetta għal tqassim skont l-oriġini ġeografika u għall-approvazzjoni mill-Bord ta' Monitoraġġ.

L-IASB u l-ISSB it-tnejn li huma jikkonsistu minn 14-il membru minn sfondi nazzjonali u professjonali varjati, inklużi l-akkademja, il-kontabbiltà, is-sostenibbiltà, l-investiment, dawk li jippreparaw, ir-regolamentazzjoni tas-suq jew finanzjarja u l-istabbiliment ta' standards. Il-membri tal-IASB u tal-ISSB jiġu nnominati għal mandat ta' ħames snin li jista' jiġġedded darba. Andreas Barckow jippresiedi l-IASB u Emmanuel Faber l-ISB.

Il-Fiduċjarji jaħtru wkoll l-14-il membru tal-Kumitat tal-Interpretazzjoni tal-IFRS, iddedikat għall-interpretazzjoni tal-applikazzjoni tal-istandards tal-kontabbiltà tal-IFRS u li jipprovdi gwida dwar kwistjonijiet ta' rappurtar finanzjarju, u l-membri tal-Kunsill Konsultattiv tal-IFRS.

2.2 ATTIVITAJIET

2.2.1. IFFISSAR TA' STANDARDS

F'Mejju 2023, l-IASB ħareġ ċerti emendi għall-IAS 12 *Taxxi fuq l-Introjtu*. L-emendi jintroduċu eċċezzjoni temporanja mill-kontabbiltà għat-taxxi differiti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tar-regoli mudell tat-Tieni Pilastru tal-OECD, kif ukoll divulgazzjonijiet immirati għall-entitajiet affettwati.

Barra minn hekk, f'Mejju tal-2023 l-IASB ħareġ emendi għall-IAS 7 *Rapport tal-Flussi ta' Flus* u l-IFRS 7 *Strumenti Finanzjarji*: *Divulgazzjonijiet*. L-emendi jintroduċu r-rekwiżiti ta' divulgazzjoni dwar l-arranġamenti ta' finanzjament tal-forniturи ta' kumpanija.

F'Awwissu 2023, l-IASB ħareġ emendi għall-IAS 21 L-Effetti tal-Bidliet fir-Rati tal-Kambju, li jispeċifikaw meta munita hija skambjabbli f'munita oħra u, meta ma tkunx, kif kumpanija tiddetermina r-rata tal-kambju li għandha tapplika, u l-iżvelar li kumpanija għandha tipprovdi meta munita ma tkunx skambjabbli.

Fl-aħħar nett, il-Fondazzjoni tal-IFRS aġġornat it-tassonomija tal-IFRS biex tirrifletti l-implikazzjonijiet ta' standards u emendi ġodda.[5]

[4] ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1.

[5] Il-finanzjament ipprovdut mill-Unjoni Ewropea jappoġġa wkoll l-aġġornament f'waqtu tat-tassonomija tal-IFRS li minnaħa tagħha sservi bħala kontribut għall-Format Elettroniku Uniku Ewropew.

Fuq is-sit web tal-Fondazzjoni tal-IFRS tingħata ħarsa ġenerali sħiħa lejn l-attivitajiet tal-iffissar ta' standards, inkluża l-ħidma tal-Kumitat tal-Interpretazzjoni tal-IFRS[6].

2.2.2. PROĠETTI

F'Marzu tal-2023, l-IASB ħareġ *Abbozz ta' Emendi ta' Skopertura għall-Klassifikazzjoni u l-Kejl ta' Strumenti Finanzjarji*, li jindirizzaw rekwiżiti ta' klassifikazzjoni u kejl speċifikati, inklużi dawk li jistgħu jaffettwaw il-kontabbiltà għal assi finanzjarji marbuta mal-ESG. Dawn l-emendi huma segwitu għar-*Rieżami ta' Wara l-Implimentazzjoni (PIR) tal-IFRS 9 Strumenti Finanzjarji — Klassifikazzjoni u Kejl*. L-IASB ħareġ l-emendi fit-30 ta' Mejju 2024.

F'Mejju tal-2023, l-IASB ħareġ talba għal informazzjoni dwar il-*PIR tal-IFRS 9 Strumenti Finanzjarji — Indeboliment* biex ifittex il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati dwar ir-rekwiżiti ta' indeboliment elenkati fih u d-divulgazzjonijiet relatati.

F'Ġunju 2023, l-IASB ħareġ talba għal informazzjoni dwar il-*PIR tal*-IFRS 15 *Dħul minn Kuntratti mal-Klijenti* biex ifittex il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati dwar ir-rekwiżiti elenkati fih.

F'Lulju 2023, l-IASB iddeċieda li jemenda l-IFRS 9 biex jirrifletti aħjar l-effett tal-Ftehimiet dwar ix-Xiri tal-Enerġija (PPA) fuq ir-rapporti finanzjarji, peress li l-kumpaniji qed jidħlu dejjem aktar f'PPA għall-akkwist tal-enerġija rinnovabbli. Il-PPA huma wkoll parti importanti mill-impenn tal-kumpaniji Ewropej biex itaffu l-effetti tat-tibdil fil-klima u jiddekarbonizzaw il-proċessi u l-prodotti tal-produzzjoni tagħhom. L-IASB ħareġ l-Abbozz ta' Skopertura għall-PPA fit-8 ta' Mejju 2024.

F'Settembru 2023, l-IASB ħareġ *Abbozz ta' Skopertura ta' Titjib Annwali għall-Istandards tal-Kontabbiltà tal-IFRS — Volum 11*, li jfittex li jiċċara l-kliem fl-Istandards tal-Kontabbiltà tal-IFRS differenti jew jikkoreġi konsegwenzi, żvisti jew kunflitti relattivament minuri mhux intenzjonati relatati mar-rekwiżiti fl-Istandards tal-Kontabbiltà tal-IFRS. Fit-18 ta' Lulju 2024, l-IASB ħareġ l-aħħar emendi.

F'Novembru tal-2023, l-IASB ħareġ *Abbozz ta' Skopertura ta' Strumenti Finanzjarji b'Karatteristiċi ta' Ekwità*, li jiċċara kif kumpanija għandha tiddistingwi l-istrumenti ta' dejn mill-istrument ta' ekwità li toħroġ.

Matul l-2023, l-IASB lesta wkoll id-deliberazzjonijiet tiegħu dwar il-proġetti tar-*Rapporti Finanzjarji Primarji u s-Sussidjarji mingħajr Responsabbiltà Pubblika: Żvelar* u qed jippjana li joħroġ żewġ Standards tal-Kontabbiltà tal-IFRS ġodda fl-2024: IFRS 18 *Preżentazzjoni u Divulgazzjoni f'Rapporti Finanzjarji* u l-IFRS 19 *Sussidjarji mingħajr Responsabbiltà Pubblika: Divulgazzjonijiet*.

Ħarsa ġenerali sħiħa lejn il-proġetti hija disponibbli fuq is-sit web tal-Fondazzjoni tal-IFRS.[7]

[6] Il-pjan ta' ħidma tal-Fondazzjoni tal-IFRS: https://www.ifrs.org/projects/work-plan/; u l-proġetti lesti: https://www.ifrs.org/projects/completed-projects/.
[7] Il-pjan ta' ħidma tal-Fondazzjoni tal-IFRS: https://www.ifrs.org/projects/work-plan/; u l-proġetti lesti: https://www.ifrs.org/projects/completed-projects/.

2.3. TRASPARENZA U OBBLIGU TA' RENDIKONT

2.3.1. REGOLI DWAR IT-TRASPARENZA

Il-laqgħat kollha tal-IASB u tal-Kumitat tal-Interpretazzjoni tal-IFRS huma miftuħa għall-pubbliku. L-aġendi tal-laqgħat jiġu ppubblikati minn qabel u l-laqgħat infushom jistgħu jiġu segwiti online. Barra minn hekk, fuq is-sit web tiegħu, l-IASB jippubblika l-laqgħat trimestrali mal-partijiet ikkonċernati.[8]

2.3.2. RAPPREŻENTAZZJONI TAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI

Il-kostituzzjoni tal-Fondazzjoni tal-IFRS tirrikjedi l-ħatra ta' sitt Fiduċjarji mill-Ewropa, kif ukoll mill-Amerka u mill-Asja-Oċeanja flimkien ma' Fiduċjarju wieħed mill-Afrika u tliet Fiduċjarji minn kwalunkwe żona, basta jinżamm bilanċ ġeografiku kumplessiv. Bl-istess mod, il-kriterji għall-ħatra bħala membru tal-Bord tal-IASB jirrikjedu erba' membri minn kull reġjun, membru mill-Afrika u membru minn kwalunkwe żona.

Fil-31 ta' Diċembru 2023, il-Kunsill Konsultattiv tal-IFRS kien magħmul minn 51 organizzazzjoni, inklużi l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) u l-EFRAG. Il-Kummissjoni tipparteċipa bħala osservatur.

2.3.3. PREVENZJONI TA' KUNFLITTI TA' INTERESS

Il-Fiduċjarji tal-Fondazzjoni tal-IFRS jinħatru għal mandat ta' tliet snin li jista' jiġġedded darba, u jridu jimpenjaw ruħhom li jaġixxu fl-interess pubbliku. Fil-prinċipju, Fiduċjarju u Membru tal-Bord ta' Monitoraġġ ma jistgħux jiġu impjegati mill-istess organizzazzjoni.

Il-membri kollha tal-IASB jaħdmu full-time u jridu jaqtgħu r-relazzjonijiet u r-rabtiet kollha tal-impjieg li jistgħu jaffettwaw l-indipendenza tagħhom. La huwa permess is-sekondar minn impjegatur, u lanqas huma permessi d-drittijiet ta' riintegrazzjoni mal-impjegatur preċedenti.

2.3.4. DIŻAGGREGAZZJONI TAL-FINANZJAMENT

Fl-2023, il-Fondazzjoni tal-IFRS irċeviet għotja ta' EUR 3,05 miljun mill-Kummissjoni għal attivitajiet relatati mal-IASB, li tirrappreżenta 16.4 % tal-kontribuzzjonijiet totali riċevuti għal attivitajiet relatati mal-IASB. Il-Kummissjoni kompliet tkun id-donatur prinċipali, għalkemm is-sehem relattiv tal-finanzjament tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri naqas meta mqabbel mal-2022 (minn 34,4 % għal 32,0 %).

Id-diżaggregazzjoni tal-finanzjament għal attivitajiet relatati mal-IASB skont iż-żoni ġeografiċi prinċipali u n-networks kontabilistiċi internazzjonali turi li l-UE u l-Istati Membri tagħha ħarġu 32,0 % tal-kontribuzzjonijiet totali, l-Asja-Oċeanja ħarġu 35,6 %, in-networks kontabilistiċi internazzjonali 15,5 %, il-Kontinent Amerikan 5,7 %, l-Afrika 0.8 % u 10,3 % ħarġu minn oħrajn.

Ix-xejra 'l isfel fil-kontribuzzjoni għall-Fondazzjoni tal-IFRS għal attivitajiet relatati mal-IASB f'dawn l-aħħar snin issoktat fl-2023. Il-kontribuzzjonijiet irrappurtati naqsu b'5,0 % (GBP 848,000) b'mod sħiħ, iżda b'varjazzjonijiet sinifikanti bejn il-kontributuri. It-tnaqqis

[8] https://www.ifrs.org/groups/international-accounting-standards-board/stakeholder-engagement-register/.

huwa primarjament ibbażat fuq tnaqqis ta' madwar 20 % fil-finanzjament tal-għotjiet tal-Kummissjoni.

Is-surplus totali ritenut tal-Fondazzjoni tal-IFRS fil-31 ta' Diċembru 2023 kien jammonta għal GBP 49.5 miljun.

3. L-EFRAG

3.1. GOVERNANZA

L-EFRAG hu organizzazzjoni ffinanzjata pubblikament u privatament li taħdem fl-interess pubbliku Ewropew u għandha l-forma legali ta' AISBL (organizzazzjoni internazzjonali Belġjana mingħajr skop ta' qligħ). Sa mill-2022, l-EFRAG għandu missjoni doppja.

Fil-qasam tar-rapportar finanzjarju, il-missjoni tal-EFRAG hija li jaqdi l-interess pubbliku Ewropew billi jiżviluppa u jippromwovi fehmiet Ewropej fil-qasam tar-rappurtar finanzjarju u jiżgura li dawn il-fehmiet jiġu kkunsidrati kif suppost fil-proċess tal-iffissar ta' standards tal-IASB u f'dibattiti internazzjonali relatati. L-EFRAG jipprovdi parir lill-Kummissjoni dwar jekk l-Istandards tal-Kontabbiltà tal-IFRS ġodda (jew riveduti) għandhomx jiġu approvati mill-UE, abbażi tal-kriterji tar-Regolament IAS[9]. Flimkien ma' dan, l-EFRAG iwettaq ukoll ħidma proattiva ta' riċerka b'rabta mal-kontabbiltà.

Fil-qasam tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà, skont id-Direttiva dwar ir-Rappurtar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà (CSRD)[10], l-EFRAG jipprovdi pariri tekniċi lill-Kummissjoni fil-forma ta' abbozz ta' Standards Ewropej ta' Rapportar dwar is-Sostenibbiltà (ESRS) elaborati taħt proċess dovut robust u jappoġġa l-implimentazzjoni effettiva tal-ESRS. Fl-iżvilupp tal-abbozz tal-ESRS, l-EFRAG jippromwovi l-interoperabbiltà tal-abbozz tal-ESRS ma' korpi internazzjonali oħra li jistabbilixxu l-istandards, b'mod partikolari l-ISSB u l-GRI (l-Inizjattiva Globali ta' Rapportar).

Il-Bord Amministrattiv tal-EFRAG huwa responsabbli għas-sorveljanza tal-proċess dovut tal-korpi tekniċi kollha. B'dan il-mod, hija appoġġata minn Kumitat ta' Proċess Ġust (Due Process Committee, DPC). Matul l-2023, Wolf Klinz ippresieda l-Bord tar-Rappurtar Finanzjarju (FRB) tal-EFRAG, Patrick de Cambourg il-Bord tar-Rappurtar dwar is-Sostenibbiltà tal-EFRAG (SRB) u Hans Buysse l-Bord Amministrattiv tal-EFRAG.

3.2. PILASTRU TAR-RAPPORTAR FINANZJARJU

Fl-2023, il-ħidma tal-EFRAG dwar ir-rapportar finanzjarju baqgħat fil-biċċa l-kbira mmexxija mill-programm ta' ħidma tal-IASB, tal-Kumitat tal-Interpretazzjonijiet tal-IFRS u tal-Fondazzjoni tal-IFRS.

Qabel l-EFRAG joħroġ parir finali ta' approvazzjoni dwar standard ġdid tal-kontabilità tal-IFRS jew emendi għal standards tal-kontabilità tal-IFRS diġà eżistenti adottati mill-IASB, l-EFRAG joħroġ (abbozz) ittri ta' kumment lill-IASB u abbozz ta' parir ta' approvazzjoni għall-

[9] Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 4.

[10] Id-Direttiva (UE) 2022/2464 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li temenda r-Regolament (UE) Nru 537/2014, id-Direttiva 2004/109/KE, id-Direttiva 2006/43/KE u d-Direttiva 2013/34/UE, fir-rigward tar-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà (ĠU L 322, 16.12.2022, p. 15).

Kummissjoni. Dan il-proċess dovut robust jippermetti lill-partijiet ikkonċernati jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-pożizzjonijiet tal-EFRAG.

F'termini ta' output, l-EFRAG ħareġ fl-2023 erba' pariri finali ta' approvazzjoni dwar l-emendi għall-IFRS 16 Kuntratti ta' Kiri "Responsabbiltà ta' Kiri f'Bejgħ u Lokazzjoni lura", dwar l-emendi għall-IAS 1 *Preżentazzjoni ta' Rapporti Finanzjarji* "Obbligazzjonijiet Mhux Kurrenti b'Patti", dwar l-emendi għall-IAS 12 *Taxxi fuq l-Introjtu* "Riforma tat-Taxxa Internazzjonali — Regoli Mudell tat-Tieni Pilastru", dwar emendi għall-IAS 7 *Dikjarazzjoni tal-Flussi ta' Flus u l-IFRS 7 Strumenti Finanzjarji*: *Divulgazzjonijiet* "Arranġamenti Finanzjarji tal-Fornitur", u parir ta' approvazzjoni finali ieħor dwar l-emendi għall-IAS 21 *L-Effetti tal-Bidliet fir-Rati tal-Kambju "Nuqqas ta' Skambjabbiltà*" f'Jannar 2024.

L-FRB tal-EFRAG ħareġ ukoll ħames ittri ta' kumment u erba' dikjarazzjonijiet ta' feedback, u ppubblika dokument ta' riċerka dwar il-kontabbiltà għal kunsiderazzjonijiet varjabbli.

Barra minn hekk, l-EFRAG issorvelja mill-qrib proġetti importanti tal-IASB li għaddejjin u li huma mistennija li jirriżultaw fl-iffissar tal-istandards tal-IASB li jeħtieġu l-approvazzjoni tal-UE fl-2024 jew fl-2025. Dawn il-proġetti jinkludu *Rapporti Finanzjarji Primarji, Sussidjarji mingħajr Responsabbiltà Pubblika*: *Divulgazzjonijiet,* u *Attivitajiet irregolati mir-rati*. Fl-2023 l-EFRAG organizza attivitajiet estensivi ta' sensibilizzazzjoni u diskussjonijiet madwar mejda biex jidentifika jekk u kif l-IASB ikkunsidra li t-trattamenti kontabilistiċi jaħdmu għall-kostitwenti Ewropej jew joħolqux sfidi ta' applikazzjoni. L-EFRAG imbagħad informa lill-IASB dwar kwistjonijiet li qed jiltaqgħu magħhom il-partijiet ikkonċernati Ewropej.

Permezz tal-Panel Akkademiku u n-Network Akkademiku tiegħu, l-EFRAG saħħaħ il-kooperazzjoni tiegħu mal-isfera akkademika.

3.3. PILASTRU TAR-RAPPURTAR DWAR IS-SOSTENIBBILTÀ

Fl-20 ta' Novembru 2022, l-EFRAG ippreżenta l-ewwel sett ta' 12-il abbozz tal-ESRS lill-Kummissjoni. Dawn ikopru l-firxa sħiħa ta' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u ta' governanza, inkluż it-tibdil fil-klima, il-bijodiversità, u d-drittijiet tal-bniedem. Dawn jipprovdu informazzjoni għall-investituri u għal partijiet ikkonċernati oħra biex jifhmu r-riskji u l-opportunitajiet għas-sostenibbiltà li għalihom huma esposti l-investimenti kif ukoll l-impatt tal-kumpaniji fuq in-nies u l-ambjent. Il-Kummissjoni adottat l-ESRS fl-31 ta' Lulju 2023. L-att Delegat u l-annessi korrispondenti, wara skrutinju mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, ġew ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali fit-22 ta' Diċembru 2023.

Matul l-2023, il-prijorità tal-EFRAG kienet fuq il-ħidma ta' implimentazzjoni fuq l-ESRS, bl-għan li jikkontribwixxi għall-għan li jitnaqqas il-piż fuq il-kumpaniji. L-EFRAG stabbilixxa pjattaforma online ta' mistoqsijiet u tweġibiet li permezz tagħha l-kumpaniji u partijiet ikkonċernati oħra jistgħu jirċievu tweġibiet għal mistoqsijiet tekniċi dwar l-ESRS. F'Diċembru tal-2023, l-EFRAG ħareġ tliet abbozzi ta' dokumenti ta' gwida għall-implimentazzjoni għall-kumpaniji li jħejju d-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà tagħhom skont l-ESRS, li jkopru l-valutazzjoni tal-materjalità, ir-rapportar tal-katina tal-valur, u elenkar tal-punti tad-data.

L-EFRAG avvanza fil-ħidma tiegħu biex jiżviluppa abbozz ta' standards ta' rapportar għal standards għall-SMEs. Fil-bidu tal-2024, l-EFRAG seta' jniedi konsultazzjoni pubblika dwar abbozz ta' standard għall-użu mill-SMEs elenkati kif previst fis-CSRD, kif ukoll dwar standard

separat għall-użu volontarju minn SMEs mhux elenkati. Ladarba jiġu ffinalizzati, dawn l-istandards proporzjonati għandhom jgħinu biex jitnaqqas il-piż tar-rapportar għall-SMEs: l-istandards għall-SMEs elenkati joħolqu qafas proporzjonat għar-rapportar minn emittenti iżgħar filwaqt li l-istandards għall-SMEs mhux elenkati se jgħinu lil dawn il-kumpaniji jipprovdu informazzjoni lill-banek jew lil gruppi akbar li jinkluduhom fil-katina tal-valur tagħhom.

Barra minn hekk, l-EFRAG kompla l-ħidma preparatorja tiegħu għall-abbozz ta' standards tar-rapportar speċifiċi għas-settur, li huma meħtieġa mis-CSRD, u għat-tassonomija diġitali XBRL li tippermetti lill-kumpaniji jissodisfaw ir-rekwiżit li jimmarkaw b'mod diġitali l-informazzjoni li jirrapportaw.

Fil-ħidma kollha tiegħu, l-EFRAG kompla jagħti prijorità għolja lill-iżgurar tal-interoperabbiltà tal-istandards Ewropej mal-istandards globali, b'mod partikolari mal-istandards tal-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tas-Sostenibbiltà (ISSB) u l-Inizjattiva Globali ta' Rapportar (GRI). Fit-2 ta' Mejju 2024, l-EFRAG u l-Fondazzjoni tal-IFRS ippubblikaw gwida għall-interoperabbiltà li turi l-allinjament ta' livell għoli miksub bejn l-ESRS u l-ISSB u kif kumpanija tista' tapplika ż-żewġ settijiet ta' standards, inkluża analiżi dettaljata tal-allinjament fid-divulgazzjonijiet relatati mal-klima.

3.4. TRASPARENZA U OBBLIGU TA' RENDIKONT

3.4.1. REGOLI DWAR IT-TRASPARENZA

L-EFRAG għandu proċess dovut pubbliku trasparenti. Il-proċess ġust tal-EFRAG jippermetti lill-kostitwenti kollha Ewropej iressqu l-fehmiet tagħhom biex jiġu kkunsidrati mill-EFRAG. Dan jiżgura li d-diversità tal-mudelli kontabilistiċi u ekonomiċi u tal-fehmiet fl-Ewropa jitqiesu meta jkunu qegħdin jiġu determinati l-pożizzjonijiet tal-EFRAG, speċjalment fir-rigward tal-approvazzjoni tal-istandards ta' kontabbiltà tal-IFRS u l-iżvilupp tal-ESRS.

Bħala parti mill-proċess dovut tiegħu, l-EFRAG jippubblika abbozzi ta' pożizzjonijiet għall-konsultazzjoni, iwettaq testijiet fuq il-post u forom oħra ta' analiżi tal-effetti, jorganizza avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni u jwettaq stħarriġ, jippubblika r-riżultati tagħhom f'dikjarazzjonijiet ta' feedback u mbagħad jippubblika l-pożizzjonijiet finali tiegħu. L-EFRAG jikkontribwixxi għall-iffissar ta' standards ibbażat fuq l-evidenza billi jwettaq studji kwantitattivi li jservu ta' bażi għad-diskussjoni dwar l-ittri ta' kummenti u l-pariri ta' approvazzjoni tal-EFRAG u li gradwalment qegħdin isiru parti aktar importanti mill-ħidma ta' riċerka tal-EFRAG.

Il-laqgħat tal-EFRAG FRB u l-EFRAG SRB, EFRAG FR TEG u l-EFRAG SR TEG u l-EFRAG Consultative Forum of Standard Setters (EFRAG CFSS) huma pubbliċi. L-aġendi, id-dokumenti ta' sostenn tal-aġenda u s-sommarji tal-laqgħat huma ppubblikati fis-sit web tal-EFRAG. Il-laqgħat jistgħu jiġu segwiti wkoll online, u r-reġistrazzjonijiet jibqgħu online għal diversi xhur. L-EFRAG iżomm reġistru pubbliku ta' trasparenza.

3.4.2. RAPPREŻENTANZA U OBBLIGU TA' RENDIKONT

L-EFRAG jirsisti sabiex ikun hemm bilanċ kif suppost kemm ġeografiku kif ukoll tal-isfond professjonali u tal-ġeneri fil-Bordijiet tiegħu dwar ir-Rappurtar Finanzjarju u dwar is-Sostenibbiltà, fil-Gruppi ta' Esperti Tekniċi korrispondenti, fil-Gruppi ta' Ħidma u fil-Bordijiet Konsultattivi tiegħu u fil-Grupp ta' Tmexxija tal-Laboratorju Ewropew u t-task forces tal-proġetti tiegħu. Hemm limitu għall-għadd ta' membri tal-Bordijiet tar-RF u tar-RS u l-GET tagħhom bl-istess nazzjonalità u hemm regoli dwar l-isfond professjonali u l-bilanċ bejn il-ġeneri.

Il-membri tal-Bord tal-EFRAG jiġu nnominati mill-Organizzazzjonijiet Membri tal-EFRAG.

3.4.3. PREVENZJONI TA' KUNFLITT TA' INTERESSI

Il-mandat ta' interess pubbliku tal-EFRAG huwa msejjes fuq politika dwar il-kunflitt ta' interess, li hi ppubblikata fis-sit web tal-EFRAG[11]. Il-membri tal-Bord tal-EFRAG u l-persunal tal-EFRAG jikkonfermaw l-indipendenza tagħhom kull sena permezz ta' dikjarazzjoni ffirmata.

3.4.4 KUNTATTI MAL-PARLAMENT EWROPEW U MAL-ISTATI MEMBRI

L-EFRAG għandu kuntatti mill-qrib mal-membri tal-Parlament Ewropew. Dwar ir-rapportar dwar is-sostenibbiltà, il-Parlament Ewropew stabbilixxa grupp ta' kollegament li jinvolvi ruħu regolarment mal-EFRAG.

L-EFRAG jattendi regolarment laqgħat tal-Kumitat Regolatorju tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Grupp ta' Esperti tal-Istati Membri dwar il-Finanzi Sostenibbli biex jiddiskuti kwistjonijiet pendenti mal-esperti tal-Istati Membri, inkluż dwar l-approvazzjoni tal-Istandards tal-Kontabbiltà tal-IFRS.

3.5. DIVERSIFIKAZZJONI U BAĠIT

Għall-2023, il-baġit totali tal-EFRAG kien ta' EUR 12.3 miljun. Kien hemm stima ta' EUR 3.3 miljun f'kontribuzzjonijiet in natura minn partijiet terzi, jiġifieri ż-żmien tal-membri esterni tal-FRB u l-SRB tal-EFRAG, it-TEGs tar-RF u r-RS tal-EFRAG (il-presidenti biss jitħallsu), kif ukoll sekondar temporanju lis-segretarjat tal-EFRAG.

Fid-dawl tal-ħidma ta' segwitu sussegwenti fuq l-ESRS, bħall-gwida għall-implimentazzjoni għall-kumpaniji u l-iżvilupp ta' tassonomija diġitali XBRL, il-Kummissjoni żiedet il-kontribuzzjoni tal-UE għall-2023 minn EUR 4.2 miljun għal EUR 6.3 miljun biex tkopri l-kostijiet addizzjonali tal-persunal u dawk amministrattivi fl-EFRAG. Hija qasmet l-għotja operattiva f'żewġ għotjiet ta' azzjoni, waħda għar-rapportar finanzjarju (EUR 2.0 miljun) u waħda għar-rapportar dwar is-sostenibbiltà (EUR 4.3 miljun). Is-sehem ta' kofinanzjament għar-rapportar dwar is-sostenibbiltà huwa ogħla. Il-Kummissjoni ffinanzjat massimu ta' 60 % tal-kostijiet eliġibbli tal-EFRAG għar-rapportar finanzjarju u massimu ta' 90 % tal-kostijiet eliġibbli tal-EFRAG għar-rapportar dwar is-sostenibbiltà. Kontribuzzjonijiet oħra fi flus fuq ir-

[11] www.efrag.org.

rapportar finanzjarju ġew minn organizzazzjonijiet Ewropej tal-partijiet ikkonċernati (EUR 0.7 miljun) u minn xi organizzazzjonijiet nazzjonali tal-partijiet ikkonċernati (EUR 1.9 miljun).

Dwar ir-rapportar dwar is-sostenibbiltà, l-organizzazzjonijiet Ewropej tal-partijiet ikkonċernati ffinanzjaw EUR 0.5 miljun, l-organizzazzjonijiet nazzjonali tas-sostenibbiltà EUR 0.9 miljun u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili EUR 0.2 miljun.

4. PIOB

4.1. GOVERNANZA

Il-PIOB huwa l-korp ta' sorveljanza indipendenti globali li jissorvelja l-proċess tal-iffissar tal-istandards għall-istandards internazzjonali tal-awditjar, tal-aċċertament u tal-etika fformulati mill-bordijiet internazzjonali li jiffissaw l-istandards: il-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Aċċertament (IAASB) u l-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Etika għall-Kontabbilisti (IESBA). Ir-rwol ewlieni tiegħu huwa li jiżgura li l-IAASB u l-IESBA jsegwu l-proċess dovut għall-iżvilupp ta' standards u strateġiji, f'konformità mal-qafas ta' interess pubbliku. Sa mill-2022, il-PIOB huwa responsabbli għall-għażla u n-nomina tal-membri tal-IAASB u l-IESBA.

Il-grupp ta' Monitoraġġ[12], li l-Kummissjoni hija membru tiegħu, jimmonitorja kif il-PIOB qed iwettaq il-mandat ta' interess pubbliku tiegħu b'attenzjoni partikolari għas-sorveljanza mill-PIOB tal-proċess tal-iffissar tal-istandards. Huwa jaħtar l-għaxar membri tal-PIOB (bl-eċċezzjoni tal-President, li jinħatar mill-IOSCO).

4.2. ATTIVITAJIET

Is-sostenibbiltà dehret b'mod prominenti fl-2023. Suġġetti oħra relatati mat-tisħiħ tar-responsabbiltà tal-awditur fir-rigward tal-frodi, it-titjib fir-rigward tan-negozju avvjat, standard tal-awditjar proporzjonat għal entitajiet inqas kumplessi, u bidla fl-imġiba fir-rigward tal-ippjanar tat-taxxa bbażat fuq standard tal-etika ġdid.

Il-PIB għażel diversi membri ġodda tal-IESBA u l-IAASB, li rriżultaw fl-akbar rotazzjonijiet f'diversi snin. Dan kien pass kbir 'il quddiem fit-twettiq tar-Rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Monitoraġġ tal-2020 fir-rigward tal-kompożizzjoni ta' diversi partijiet ikkonċernati taż-żewġ Bordijiet.

Il-PIOB għażel membri ta' Grupp Konsultattiv tal-Partijiet Ikkonċernati ġdid biex jipprovdi pariri strateġiċi minn perspettiva ta' diversi partijiet ikkonċernati lill-IESBA u lill-IAASB dwar l-istrateġiji, il-prijoritajiet tal-pjan ta' ħidma u l-proġetti tagħhom, li mbagħad ġie stabbilit fis-6 ta' Frar 2024.

Fil-31 ta' Mejju tal-2024, il-PIOB ippubblika t-19-il Rapport Pubbliku tiegħu, li jagħti ħarsa sħiħa lejn l-attivitajiet tal-PIOB 2023.[13]

[12] The Monitoring Group (iosco.org)
[13] https://ipiob.org/

4.3. DIVERSIFIKAZZJONI TAL-FINANZJAMENT

Fl-2023, l-introjtu tal-PIOB ammonta għal EUR 2,296,552. Il-PIOB irċieva 17-il kontribuzzjoni monetarja. Il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC) baqgħet l-akbar kontributur, iżda f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Monitoraġġ biex titnaqqas id-dipendenza tal-professjoni tal-awditjar fis-sistema tal-iffissar tal-istandards tal-awditjar, il-kontribuzzjoni tal-IFAC naqset minn EUR 1,392,754 (jew 63.56 %) fl-2022 għal EUR 950,000 (jew 41.37 %) fl-2023. Il-Kummissjoni baqgħet it-tieni l-akbar donatur b'kontribuzzjoni ta' EUR 350,000 (jew 15.24 %), segwita mill-Kummissjoni tal-Kambju tat-Titoli tal-Istati Uniti (USD 200,000), l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (IOSCO) (EUR 150.000) u l-Fondazzjoni Internazzjonali għall-Etika u l-Awditjar (USD 130,000. Il-Gvern Spanjol jipprovdi għall-akkomodazzjoni tal-PIOB, li kienet stmata għal EUR 192,659.[14]

Filwaqt li l-kontribuzzjoni tal-IFAC se tkompli tonqos, il-PIOB u l-Grupp ta' Monitoraġġ ikomplu jagħmlu aktar sensibilizzazzjoni biex jattiraw sponsors oħra u jwessgħu l-bażi ta' finanzjament tiegħu.

5. KONKLUŻJONIJIET

Għal ħafna snin, l-UE kkontribwiet finanzjarjament għall-Fondazzjoni tal-IFRS, l-EFRAG u l-PIOB. L-appoġġ kontinwu tagħha (mhux biss finanzjarjament, iżda wkoll politikament) kien indispensabbli. Dan ippermettielhom iwettqu l-kompiti rispettivi tagħhom fl-interess pubbliku, u b'hekk ikkontribwixxa għal standards kontabilistiċi u tal-awditjar ta' kwalità għolja. Fl-2023, il-biċċa l-kbira tal-finanzjament ġie allokat lill-EFRAG biex jgħin fl-iżvilupp tal-ESRS.

[14] Il-lista sħiħa tal-kontribuzzjonijiet tinsab fil-paġna 78 tar-rapport annwali tal-PIOB.